MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## CHARMAINE GALEA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Numru. 185/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Alan Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Alan Azzopardi ta' disgha u ghoxrin (29) sena, bin Raymond u Maria Dolores nee' Montanaro, imwieled il-Pieta` fis-6 ta' Novembru 1984, residenti 45, Triq id-Dielja, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 532384(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-17 ta' Frar 2014 ghall-habta ta' bejn il-18:00hrs u 19:00hrs gewwa Triq Atocia fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' diesel (fuel), liema serq, li huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga ta' l-oggett misruqa, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix €2329.37, sar ghad-detriment ta' Anthony Schembri u/jew persuni ohra;

Akkuzat aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi volontarjament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe' diesel (fuel), misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, volontarjament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Akkuzat aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg mobbli ta' Anthony Schembri u cioe' tap tal-fuel ta' vettura, liema hsara tammonta ghal 100Euro li dan l-ammont huwa anqas minn Euros116.47;

Akkuzat ukoll talli irrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati/Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat illi l-Prosekuzzjoni irtirat ir-raba' (4) akkuza tar-recidiva u li ddikjarat li t-tieni (2) imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet bil-gurament lill-probation officer Joseph Mizzi;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l**-ewwel u t-tielet imputazzjoni** migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u kif ukoll ix-xhieda tal-Probation Officer Joseph Mizzi li spjega li ghad baqaghlu jsegwi lill-imputat sa Frar 2015. Semghet ukoll lill-imputat jiddikjara li huwa jixtieq jindirizza l-problema tal-abbuz tad-droga.

Il-Qorti seghet ukoll kemm lill-Prosekuzzjoni u kif ukoll lid-difiza li l-imputat jimmerita li jinghata l-ahhar opportunita` u ma jinghatax sentenza effettiva ta' habs. Illi l-Qorti tirrileva illi ghalkemm certament l-

akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat u ammessi minnu jimmeritaw sentenza ta’ habs, din il-Qorti hija propensa, nonostante l-fedina penali refrettarja tal-istess imputat, li taghti din l-ahhar opportunita` lill-imputat biex ibiddel id-direzzjoni ta’ hajtu u fic-cirkostanzi tara li l-ahjar mod li ghandha titratta mal-imputat huwa billi tikkundannah ghal sentenza sospiza halli b’hekk l-imputat, filwaqt li jinghata l-opportunita` li jibda programm ghar-rijabilitazzjoni mid-droga kif wera x-xewqa li jaghmel, ikollu deterrent sabiex ma jergghax iwettaq xi tip ta’ reat iehor.

Il-Qorti qieghdha tenfasizza u tispjega lill-imputat li jekk ma jaghrafx jisfrutta din l-opportunita` li qieghed jinghata llum allura dawn il-Qrati m’hu se jibqghalhom l-ebda triq ohra kif jitrattaw mieghu ghajr li jimponu piena effettiva ta’ prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 267, 270, 271, 325 (1) (c), 28A u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin mill-lum u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas is-somma ta’ tliet mija u tnejn u sebghin ewro (€372) lid-derubat Anthony Schembri (Karta ta’ l-Identita` Numru 0347677M) rapprezentanti kumpens ghad-danni sofferti minnu.

Il-Qorti qieghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ (4) imputazzjoni dwar ir-recidiva stante li din giet irtirata fis-seduta tal-lum mill-Prosekuzzjoni u wkoll qieghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni.

Finalment, il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju u car ai termini tal-artikolu 28A (4) u 28H (7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tlett (3) snin mil-lum u/jew jekk ma jhallasx l-ammont fuq indikat fiz-zmien prefiss.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------